Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI (SPETTUR CHRISTIAN ABELA) V. FODE ALY SYLLA (PS. I13695691)

(TRASFERIMENT TA' PASSAPORT LIL PERSUNA OHRA JEW RIĊEVUTA TA' PASSAPORT MINN PERSUNA OHRA – KAP. 61, ART. 3(A),(B)) – UŻU TA' PASSAPORT MAHRUĠ LIL PERSUNA OHRA – KAP 61, ART. 4 – GHOTI TA' PROSPETT, DIKJARAZZJONI JEW FATTI FOLOZ LILL-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TAL-IMMIGRAZZJONI – KAP. 217, ART. 32(1)(C)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27 ta' Marzu 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Fode Aly Sylla, ta' 29 sena, iben Amadou u Mabinty, imwieled Kindia, Guinea fl-20 ta' Awwissu 1991, ta' nazzjonalità Guineana, detentur tal-*permesso di soggiorno* maħruġ mill-awtoritajiet Taljan bin-numru I13695691, residenti l-Marsa ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni fuq il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Christian Abela
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Josette Sultana,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti akkużi:

1. talli fis-26 ta`Marzu 2021 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer meta kellu fil-pussess tiegħu dokument maħruġ minn awtorità kompetenti, ċioé passaport tal-Guinea, enumerat O00284022 u maħruġ f'isem Daouda Sylla, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna oħra jew irċieva dokument li ġie ittrasferit lilu minn persuna oħra (Kap 61, Art. 3 tal-Liġijiet ta' Malta),

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioe dak diġà imsemmi (Kap 61, Art. 4 tal-Liġijiet ta' Malta),

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lill-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Art. 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Inżammet seduta waħda fis-27 ta' Marzu 2021.

3. Matul din is-seduta l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontrih u kkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq biex jerġa lura minnha.

4. Dan il-każ jikkonċerna l-użu jew aħjar, tentattiv ta' użu mill-imputat, ta' passaport maħruġ lil persuna bl-isem ta' Daouda Sylla li allegatament jiġi ħu l-istess imputat. L-imputat kellu fil-pussess tiegħu passaport maħruġ mill-awtoritajiet tal-Guinea iżda dan kien ilu li skada mis-27 ta' Novembru 2020. Skond kif stqarr mal-Pulizija fl-interrogazzjoni tiegħu l-imputat ġie Malta mill-Italja f'Novembru 2020 biex isib xogħol u fis-26 ta' Marzu 2021 prova jsiefer lura l-Italja fuq titjira tar-Ryanair bin-numru FR 7324 għal Bergamo, bil-passaport validu ta' ħuh. Skond l-imputat huwa kien sab l-Ambaxxata Taljana f'Malta magħluqa u għalhekk ħuh mill-Italja kien għamillu pjaċir u bagħtlu l-passaport tiegħu ma' xi ħadd sabiex ikun jista' joħroġ minn Malta.

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

***L-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta)***

5. L-Artikolu 3(a) u (b) tal-Ordinanza dwar il-Passaporti jipprovdi kif ġej:

'3. Kull min

(a) meta għandu f'idejh passaport maħruġ lilu minn awtorità kompetenti jew le, jittrasferixxi dak il-passaport lil persuna oħra, jew

(b) jirċievi passaport li jiġi ittrasferit lilu minn persuna oħra,

jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn'

6. L-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti jipprovdi kif ġej:

'4. Kull min jagħmel użu, jew jittenta jagħmel użu minn passaport maħruġ lil persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur.'

***L-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta)***

7. L-Artikolu 32(1)(c) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jipprovdi kif ġej:

'32.(1) Kull persuna li

(a) dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet ta' dan l-Att, tagħti jew iġġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz...

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra.'

**Kunsiderazzjoni tal-Qorti dwar il-piena**

8. Fir-rigward tal-piena l-Qorti sejra tieħu tqis b'mod favorevoli għall-imputat l-fatt illi huwa mill-ewwel ikkopera mal-Pulizija u inoltre irreġistra ammissjoni bikrija ħafna. Madanakollu l-Qorti ma' tistax tinjora s-serjetà tar-reat, ċioe il-ksur b'mod daqstant sfaċċat ta' liġijiet intiżi għas-sigurtà nazzjonali. Il-fatt biss illi l-imputat għad jieħu l-briga illi jitlob jew inkella jilqa' għandu passaport ta' ħuh mill-Italja, liema passaport dan bagħtu ma' xi ħadd meta daħal Malta, turi illi l-imputat kien jaf sew x'inhu jagħmel u li l-aġir tiegħu ma' kienx xi wieħed impulsiv jew ta' malajr li wettqu sempliċiment għaliex fi kliemu huwa sab l-Ambaxxata Taljana f'Malta magħluqha.

**Deċiżjoni**

9. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi, il-Qorti qed ssib l-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontrih taħt l-Artikolu 3(b) u 4 tal-Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt l-Artikolu 32(1)(c) tal- Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal disa' (9) xhur priġunerija.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur